# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404

Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796

E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru tmintax (18) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Erbgħa 31 ta’ Diċembru 2014, fid-9.30am, fil-Bini Muniċipali ta’ Ħal Safi. Il-kunsilliera qablu li l-laqgħa tibda kmieni.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil għamel suġġeriment biex il-Kunsill isejjaħ laqgħa għar-residenti fil-presenza tal-perit tal-proġett (triq il-Kuċċard). Is-Sindku qabel mas-suġġeriment u żied illi kien ressaq l-istess talba qabel ma twaqqfet ix-xogħol. Is-Sindku qal illi l-perit għandu jiltaqa ma rappreżentanti ta’ Ħeritage Malta u wara din il-laqgħa għandna nsejħu laqgħa għall-pubbliku [ref punt 3.2]. Il-kunsillier Publius Abdilla [illi kien skuzat fil-laqgħa preċedenti u ma setax jagħti l-opinjoni tiegħu fuq is-suġġett] qal illi ma jaqbilx illi ma jsirx ‘service road’ u flimkien mal-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi aħjar

ma jsir xejn milli jsir xogħol ħażin. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi jekk ma naslu mkien għandna niltaqaw mal-Ministru Joe Mizzi.
Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi fl-aħħar laqgħa kien għamel talba għar-rapport tas-Superintedent tal Ħeritage Kulturali ta’ Malta. Is-Sindku qal illi qegħdin nistennew sabiex nirċievu rapport ġdid. Il-Viċi Sindku staqsa wkoll kemm se tkun għolja l-ħajt. Is-Sindku qal illi ma jafx eżatt izda hu ċert illi mhux se tkun inqas minn 6 filatti.
Is-Sindku qal illi għadu jemmen dak illi qal fl-aħħar laqgħa [ref punt 3.2] illi s-soluzzjoni hija li ssir ‘serp road’ jew illi jitqata l-bir.

3.2 Il-Viċi Sindku qal illi l-filmat saret fil-kunvent tal-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu [ref punt 3.5] u l-Kunsill għandu jħallas €30 illi ma jinkludix l-infieq fuq il-kiri ta’ ħwejjeġ. Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk in-nies illi qegħdin jieħdu sehem fil-filmat qegħdin jagħmlu x-xogħol volontarjament. Il-Viċi Sindku rrisponda li iva, izda mhux dejjem possibli illi l-ħwejjeħ jinkrew b’xejn.

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu u s-Sindku ffirmaw il-kuntratt għall-proġett tal-Kunsill Lokali taż-Żagħżagħ. Il-proġett għandha titlesta fis-sena 2015 u se tiffokka fuq l-immigrazzjoni. Il-Kunsill iddiskuttew il-possibilita li l-Kunsill jieħu l-‘administration rights’ tal-paġna ta’ facebook tal KLŻ ta’ Ħal Safi biex kull darba li jkun hemm Kunsill ġdid [taż-żagħżagħ] intuhom l-informazzjoni biex jaċċessaw il-paġna biex jagħmlu l-updates tagħhom.

3.4 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi qatt ma jinqata l-bużbież ħdejn Misraħ il-Ħlantun [ref punt 3.8] u żied illi ma jaqbilx illi jinqata l-ħaxix [bħal ma sar]. Is-Sindku qal illi kien hemm ħsara bil-mutur u x-xogħol se jsir wara l-festi.

3.5 Is-Sindku qal illi l-ikla tal-anzjani se tkun għall-Ħal Safin biss [ref punt 5.3]. Żied illi r-residenti qegħdin iħalsu €5 kull wieħed, u l-infieq tal-Kunsill jammonta għal €28 kull persuna. Qal illi għandna nagħtu eċċezzjoni biss għall-persuna li twassal resident b’diżabilita mir-raħal, kif ukoll għall-anzjani li jattendu d-Day Centre u li jgħixu barra r-raħal. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi m’għandu l-ebda oġġezzjoni kontra l-ideja izda li jemmen illi anka dawk tad-Day Centre [non-residents] m’għandhomx ikollhom eċċezzjoni.
Is-Sindku żied illi l-caterers se jkunu PrimaVera u l-Kunsill se jħallas €8.50/persuna u ftit extra [mhux stipulat].

3.6 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi mid-dehra rrepetejna l-istess żbalji fl-organizzazzjoni tal-festa kulturali [Milied Safi] għax ma kienx hemm bizzejjed propaganda u li x-xogħol sar b'ġlieda kontra l-ħin. Is-Sindku qal illi qatt ma tista tagħmel bizzejjed propaganda u spjega li kien hemm problemi waqt l-organizzazzjoni din is-sena u għalhekk ma kienx hemm wisq ħin għall-preparamenti. Qal illi kien waqqaf ix-xogħol wara illi ra fuq 'post' fuq il-paġna tal-facebook ta' persuna li kienet qed tieħu l-meritu tax-xogħol flimkien m'omma, waqt illi l-Kunsill ma ssemmiex. Qal illi tlett ijiem inħlew minħabba f'hekk.
Il-kunsillier Publius Abdilla ssuġerixxa li l-Kunsill jaqbad P.R.O biex nevitaw problemi fl-organizzazzjoni tal-attivitajiet u ma sab l-ebda oġġezzjoni għall-ideja tiegħu.
Il-Kunsill se jieħu €3000 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal dan l-attivita.

3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ikonferma li kellu kuntatt ma' Luke Borg [ref punt 6 tal-Aġenda] illi ntagħżel bħala kandidat għall-ambaxxatur tal-lokalita u li dan għandu jiltaqa miegħu wara l-5 ta' Jannar 2015. Il-Kunsill qabel illi dan għandu jzomm mal-impenji li jiġu mad-dekasteru.

3.8 Is-Sindku spjega kif il-bolts tal-isleeping policemen [ref punt 8.3] mhumiex f'posthom u għalhekk partijiet tal-isleeping policemen huma maqlugħin. Il-kunsillier Publius Adbdilla qal illi jekk jinqalaw biċċiet oħra se nispiċċaw bl-istess problema li kelna fil-passat [referenza għall-problema tal-isleeping police f'triq Ta' Ġawħar fis-sena 2013].

3.9 Is-Sindku qal illi għandna nibagħtu emajl lil Cleansing Department, lill-Asfaltar u lil Safi Aviation Park [ref punt 8.5] biex nagħmlu talba biex triq Carmelo Caruana: Politiku u Avukat tkun f'stat suri ta' nies għall-attivitajiet taċ-ċikliżmu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi diġa bagħat talba lil Safi Aviation Park.

3.10 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi kien qabel mad-deċiżjoni li ma jkunx hemm messaġġi personali tal-kunsilliera fil-fuljett imma qal illi l-fuljett kien 'vojt' mingħajr l-input tagħhom. Il-kunsillier Publius Abdilla, illi kien skuzat għal laqgħa meta ttieħed id-deċiżjoni li ma jidhrux messaġġi, qal illi ma qabilx mad-deċiżjoni tal-Kunsill u li l-kunsilliera għandhom jiktbu dak illi jħossu huwa importanti u li r-residenti għandhom jieħdu deċiżjoni tagħhom waqt l-elezzjonijiet fuq il-kontribuzzjoni tagħhom matul il-leġislatura kollha, u mhux fuq dak illi jikiteb fil-fuljett. Is-Sindku ma qabilx mal-opinjoni tal-kunsillier Abdilla, u flimkien mal-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi jemmen illi ma jkun hemm l-ebda fuljett qabel elezzjonijiet. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi qabel illi noħorġu l-fuljett wara li s-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm ftehim mal-istampar u kien tard wisq biex nikanċċellaw ix-xogħol [id-deċiżjoni ttieħed jumejn qabel id-deadline għall-printing].

3.11 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi ssoltu l-kunsilliera jkunu provduti bil-lista tal-anzjani li ma joħorġux mid-djar, jew li jgħixu ġo homes barra mir-raħal, li għandhom jirċievu hamper tal-Milied, izda din is-sena ma rċievew xejn. Is-Sindku qal illi hemm 30 ruħ li għandhom jirċievu dawn il-hampers. Il-kunsilliera Publius Abdilla u Pietru Pawl Busuttil fakkru s-Sindku fuq persuni oħra li qegħdin jgħixu ġo homes u li ma kienux fil-lista tas-sena 2013.

**4. Payment Approval Sheet**

4.1 **Tabelli:** Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa fuq il-kont dovut lil Koptasin peress illi ra l-ammont għoli ħafna. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ħlas kien għal 45 tabella ta €24.45 kull tabella [Total ta' €1100.25]

4.2 **Ġenista Foundation:** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dan il-ħlas se jkun parti mill-ammont illi għandna nirċievu lura mill-Gal Xlokk bħala parti mill-applikazzjoni tagħna ta' Miżura A7.

**5. Korrespondenza**

5.1 **Charles Borg**: Is-Segretarju Eżekuttiv qara emajl tas-sinjur Borg illi jixtieq joffri lezzjonijiet rigward il-liċenżja tal-bexx għar-residenti. Il-kunsilliera ma qablux li nużaw is-servizz tiegħu qabel ma nikkonfermaw illi l-istess tip ta' korsijiet ma jsirux b'xejn. Il-kunsillier Publius Abdilla ssuġerixxa li nċemplu l-Għammieri u naraw jekk joffru dawn il-korsijiet.

**8. Ħwejjeġ Oħra**

**Is-Sindku Francis Callus:**

8.1 Għandu l-ħsieb illi jorganizza ħarġa għall-persuni b'diżabilita fix-xahar ta' Jannar. Il-kunsillier Publius Abdilla ssuġerixxa li nistennew sa meta tieqaf tagħmel il-ksieħ. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi

hemm persuna li għandu annimali li jkun lest jiftaħ il-bibien tiegħu għal dan it-tip t'attivita. Is-Sindku qal illi kellu l-ħsieb illi jeħodhom għand dan l-istess persuna.

**Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil:**

8.2 Staqsa meta se titkompli l-proġett fil-ġnien ta' T'Amparell. Is-Sindku rrisponda li se jkomplu jaħdmu wara l-festi tal-Milied.

**Il-kunsillier Publius Abdilla:**

8.3 Qal illi hemm borehole bejn triq Ta' Ġawħar u triq il-Ħlantun.

8.4 Fakkar lis-Segretarju Eżekuttiv illi kien għamel talba għal lista tal-kotba li inxtraw għal librerija bil-fondi tar-Reġjun u tad-DLG. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm lista lesta li se jiprovdi lilu malajr.

8.5 Fakkar illi l-iskip ta' triq il-Feniċi ma tneħħiex. Is-Sindku qal illi se jibgħat lill-kuntrattur tal-iskart domestiku biex ineħħija fil-bidu tas-sena.

8.6 Qal illi s-Sindku kellu jippreżenta l-kuntratt il-ġdid tal-istreet lighting lill-kunsilliera. Is-Sindku qal ilil għadna ma rċevejna l-ebda kuntratt s'issa. Il-kunsillier fakkar ukoll illi kelna nbiddlu l-bozzoz taż-żuntier tal-knisja. Is-Sindku qal illi l-kuntrattur tan-Nexos ma kellux l-istess tip ta' bozzoz meta għamel it-talba biex dawn jinbiddlu.

8.7 Qal illi hemm bzonn ta' restawr fil-ġnien Sir Alexander Ball. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien applika għall-fondi fis-sena 2011 u li l-Kunsill am kien irċieva l-ebda aħbar fuq dawn il-fondi. F'2012 kien ċempel lil DLG fejn qalu li kienu għadhom pendenti, waqt illi fis-sena 2014, waqt laqgħa mal-Onorevoli Stefan Buontempo kien sema l-fatt illi l-Kunsill baqa mingħajr risposta u l-Onorevoli Buontempo talab illi jibgħat emajl lilu u lid-DLG rigward dawn il-fondi. Ir-risposta kienet illi m'għadhomx japplikaw u li ma ttieħdux dawn il-fondi, u għalhekk ma stajna nagħmlu l-ebda xogħol ta' restawr fuq il-ġnien s'issa.

8.8 Ilmenta li l-ġardinar qed jaqta l-ħaxix f'Misraħ Ħlantun u Ta' Ġawħar meta għandu jaqta biss il-bużbież u jnaddaf xi ftit dawk in-naħħat minflok.

8.9 Qal illi hemm 3 katusi ħerġin taħt il-bankina fit-triq San Tumas [il-Kunsill kien diġa żamm diskors fuq dan fis-sajf ta' 2014] wara li sid ta' garaxx ħaffar quddiem il-propjeta tiegħu. Qal illi faċċli li wieħed jitfixkel u jaqa hemm, kif fil-fatt ġara fis-sajf. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandna nagħmlu kulvert tal-plastikk.

**Il-kunsillier Carlo Stivala:**

8.10 Qal illi jemmen illi għandna neħilsu mill-iskips kollha li ma jintużawx, u niffokaw biss fuq dawk illi ħallew impatt positiv bħal dawn fit-triq San Ġorġ. Is-Sindku staqsa liema huma l-iskips illi mhumiex jintuzaw izda ma rċieva l-ebda risposta mill-kunsilliera.

8.11 Qal illi hemm reserved parking f'triq il-Kaċċaturi li għandha bzonn titneħħa wara li l-persuna li kellu bzonn il-post tal-parkeġġ miet. Is-Sindku qal illi jaf biha u se nħasruha.

8.12 Qal illi bollards tal-Misraħ mhumiex dritti.

**Il-Viċi Sindku Johan Mula:**

8.13 Ippropona li l-Kunsill jorganizza ħarġa, u jiprovdi t-trasport, għall-mologu fuq il-ħajja ta' San Pawl illi se ssir f'St. James Cavalier. L-attivita "Sawl" se tkun fl-31 ta' Jannar u min jixtieq imur għandu jixtri biljett [€15]. Il-Kunsill qabel illi jiprovdi t-trasport jekk ikun hemm konkorenza mir-residenti.

8.14 Qal illi fil-5 ta' Jannar se jsir filmat tax-xena tal-bomba [fil-pjazza u ġo għalqa] bħala parti mid-dokumentarju. Qal illi se tkun l-aħħar xena u li għandna nikru ħwejjeġ għall-filmat.

8.15 Qal illi hemm bozza mitfija f'triq il-Biedja [c/w triq in-Newba]

8.16 Qal illi sar att ta' vandaliżmu fuq tabella f'triq Rqajja illi għandna nitneħħu.

8.17 Irċieva talba biex inkabbru l-kaxxa li juża wieħed illi jbieħ il-ħaxix [triq il-Ħajt Ruman], għax qed ikollu diffikulta biex iħott meta jsib karrozzi hemmhekk. Il-Viċi Sindku qal illi m'hemmx kaxxi barra l-ħanut ta' dan il-persuna, izda xorta waħda jipparkjaw il-karrozzi hemmhekk. Is-Sindku qal illi għandu

jmur fuq il-post biex jara x'jista jsir izda żied ukoll illi loading bays ma jistawx isiru ma' kantuniera bħal ma fejn għandu l-ħanut dan il-persuna.

8.18 Irraporta li hemm siġra ġos-central strip ta' triq l-Ibraġġ li qegħda tagħti bozza. Is-Sindku qal illi meta nikru tower ladder/magna għal xogħolijiet li għandhom isiru, nieħdu ħsieb dan ix-xogħol ukoll fl-istess ħin.

8.19 Irċieva talba biex isir bankina quddiem dar illi nbniet f'triq Stiefnu Errardi peress illi fejn bnew m'hemmx bankina. Is-Sindku qal illi dan ix-xogħol għandu jsir wara li jsiru xogħolijiet oħra ta' prijorita.

**Is-Segretarju Eżekuttiv Anthony Attard:**

8.20 Ma kellu l-ebda punt għall-Ħwejjeġ Oħra

**9. Laqgħa li jmiss**

9.1 Il-laqgħa ntemmet f'12.15pm.

9.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fil-... ta'Jannar.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |